MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 1194/2007

**Anna Rita, *sive* Anita Schembri detentrici tal-karta ta' l-identita` bin-numru, 25964 (M) u residenti Mater Gratia, Triq l-Ikhal, Marsascala bhala mandatarja specjali ta' huha Jacob, *sive* James Schembri detentur tal-passaport Malti numru 589628.**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Anna Rita, *sive* Anita Schembri datat 14 ta' Novembru 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-esponenti ghandha prokura specjali sabiex tirrapprezanta lil huha Jacob, *sive* James Schembri ghal

din il-kawza odjerna peress illi huwa jghix u jirrissjedi 3, Derwent Close, Little Lever, Bolton, l-Ingilterra, ir-Renju Unit, u li l-imsemmija prokura specjali tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok “A”.

Illi hu l-esponenti twieled fid-disgha (9) ta’ Jannar tas-sena elf disa’ mija tmienja u erbghin (1948) u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok. “B”;

Illi f’dan ic-certifikat l-isem ta’ hu l-esponenti huwa erronjament indikat peress illi huwa imnizzel bhala ‘Jacob’, meta fil-fatt dan kellu jitnizzel u jigu ndikat l-isem ta’ “James”;

Illi fil-fatt fir-Registru tat-Twelid tal-Parrocca ta’ l-Isla hu l-esponenti huwa registrat bl-isem ta’ James u dan hekk kif jidher mill-kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok “C’.

Illi minn tfulijtu l-genituri, il-familjari u kif ukoll il-hbieb ta’ l-istess hu l-esponenti konsistentement sejhulu bl-isem ta’ “James” f’dan ir-rigward jezistu provi konkreti hekk kif se jigi muri fit-trattazzjoni tal-kawza permezz ta’ l-affidavits ta’ diversi xhieda, u li l-affidavits taghhom jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala Dok “D”, “E”, “F” u “G” rispettivament;

Illi hu l-esponenti illum-il gurnata ghandu sittin sena u minn dejjem irrisponda u ghadu jirrispondi sal-gurnata tallum ghall-isem ta’ “James” u mhux ta’ “Jacob”;

Illi hu l-esponenti ma ghamilx il-procedura odjerna qabel minhabba s-semplici fatt li ghex ghal tul ta’ zmien barra minn Malta, precizament fl-Ingilterra u kien xi ftit ta’ zmien ilu li ntebah li fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu huwa kien tnizzel bhala “Jacob” u mhux “James”;

Illi hu l-esponent ntebah b’din id-diskrepanza fl-isem tieghu meta kien Malta ghal btala u xtaq jiftah kont bankarju f’ismu. Illi, kien propju l-iskrivan tal-Bank illi originarjament irrileva din id-deskrepanza f’isem hu l-

esponenti u minhabba din id-diskrepanza dan il-kont bankarju ma setax jinfetah fl-isem ta' James Schembri *stante* illi hu l-esponenti legalment jismu Jacob;

Illi fl-Ingilterra huwa maghruf bhala James u mhux Jacob. Fil-fatt hemm diversi dokumenti mill-imsemmi pajjiz li juri dan. Id-dokumenti illi hu r-rikorrenti ghandu mill-Ingilterra huma hawn annessi u mmarkati minn Dok. "H" sa Dok. "Q";

Illi tali inkonsistenza qieghda tikkawza diffikultajiet prattici u precedurali lill-imsemmi hu l-esponenti;

Illi l-istess inkonsistenza fl-isem, fil-futur, ser tohloq problemi fil-qsim tas-successjoni tieghu lill-eredi u lil-legatarji tieghu peress illi huwa mnizzel bhala "James" u mhux "Jacob" kemm fit-testment tieghu u kif ukoll fic-certifikat taz-zwieg tieghu u fic-certifikat tat-twelid tat-tfal tieghu;

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-isem ta' hu l-esponent huwa dak ta' "James" u mhux "Jacob";

2. Tordna illi jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-Atti tat-Twelid hawn esebit bhala Dok. "B", fis-sens illi fil-kolonna intestata "Ismijiet Moghtijin" u "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" jitnehhew il-kliem "Jacob" u jigu sostitwiti bl-isem "James";

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fid-dokumenti pubblici fejn jidher isem hu l-esponenti, fis-sens illi kull fejn isem hu l-esponenti huwa ndikat bhala "Jacob" jidhol minfolk l-isem "James".

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa hu ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok. “A” sa Dok. “Q” kif jidher a fol. 4 sa 27 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti kif hekk presjeduta ghas-seduta tal-15 ta’ Jannar 2005.

Rat in-nota tar-rikorrenti *nomine* datata 10 ta’ Dicembru 2007 a fol. 37 tal-process.

Rat ir-risposta guramentata ta’ l-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 17 ta’ Dicembru 2007 a fol. 36 tal-process fejn espona: -

1. Illi l-esponenti ma joggezzjonax ghat-talba kif dedotta fir-rikors guramentat pero` jirrileva li d-dikjaranta fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni li kienet Mary mart Francis Ahar iddikjarat li l-isem li bih it-tarbija ghandha tigi msejha kien “Jacob”.

2. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-**artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid in kwistjoni mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjes ta’ l-istanti *stante* li d-dikjarat fuq l-Att tat-Twelid huwa responsabbli jivverifika li l-informazzjoni li ddikjara hija korretta.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-intimat flimkien ma’ dokument anness u mmarkat Dok. “A” kif jidher a fol. 38 tal-process.

Rat l-avviz migjub fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta’ Jannar 2008 u fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-31 ta’ Jannar 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' hu r-rikorrenti li jgib in-numru 942/1948 *stante* li l-attur qed jallega li jismu "James" ghalkemm fic-certifikat tat-twelid huwa mnizzel bhala "Jacob" u ghalhekk sar zball fl-istess certifikat tat-twelid tieghu u qed jitlob li jsiru l-korrezzjonijiet appositi.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati *stante* li l-isem fil-fatt ghandu jaqra "James" u mhux "Jacob" kif jidher indikat f' Dokument "C" (fol. 8) fic-certifikat tal-maghmudija mir-Registru tat-Twelid tal-Parrocca ta' l-Isla.

Illi hemm ix-xhieda ta' l-attur stess li jixhed li huwa dejjem kien maghruf u msejjah bl-isem ta' "James" u hekk huwa maghruf ukoll fl-Ingilterra fejn ilu jghix hemm mindu kellu sitt (6) snin u kien biss dan l-ahhar li sar jaf li fic-certifikat tieghu tat-twelid huwa gie erronjament indikat li jismu "Jacob" u dan meta mar f'fergha ta' bank sabiex jiftah kont bankarju. Dan minkejja l-fatt li huwa dejjem irrefera ghalih innifsu f'kull dokument inkluz it-testment tieghu u l-polza ta' assikurazzjoni bl-isem ta' "James" ghaliex b'dak l-isem huwa maghruf minn kulhadd. Omm l-istess attur, Eva Schembri kkonfermat li hija semmiet lill-binha l-attur "James"; u kemm ohtu Anna Rita sive Anita Schembri u David Schembri xehdu li lill-attur jafuf bl-isem ta' "James".

Illi jinghad li fid-dokumenti l-ohra kollha esebiti bhala "official poll card" (Dok. "H"), licenzja tas-sewqan mahruga l-Ingilterra (Dok. "I"), dokumenti ghas-servizzi ta' ilma (Dok. "J"), u dokumenti tat-taxxi fl-Ingilterra (Dok. "K" u "L"), inkluzi c-certifikat taz-zwieg tieghu fl-Ingilterra (Dok.

“M”), u certifikat tat-twelid ta’ uliedu Stephen James, Anita, u Lisa Natashia (Dok. “N”; Dok. “O” u Dok. “P”, u c-certifikat tal-kondotta mahrug mill-istess pajjiz (Dok. “Q”) kollha jindikaw bhala isem l-attur bhala dak ta’ “James” u b’hekk din il-Qorti thoss li l-azzjoni attrici giet ippruvata.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku in kwantu l-istess b’xi mod jikkontrastaw ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici** biss fis-sens illi:-

1. Tiddikjara li l-isem ta’ hu ir-rikorrenti Anna Rita sive Anita Schembri huwa dak ta’ “James” u mhux “Jacob”;

2. Tordna illi jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-Atti tat-Twelid 942/1048 esebit bhala Dok. “B”, fis-sens illi fil-kolonna intestata “Ismijiet Moghtijin” u “Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” jitnehhew il-kliem “Jacob” u jigu sostitwiti bl-isem “James”;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fid-Dokumenti Pubblici fejn jidher isem hu l-esponenti, fis-sens illi kull fejn isem hu l-esponenti huwa ndikat bhala “Jacob” jidhol minfolk l-isem “James”.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha issir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-Kap 16.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez fic-cirkostanzi dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------